MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 321/2009

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ferris

vs

Raymond Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 433067m akkuzat talli:

- fl-4 ta' Jannar 1996 u fix-xhur ta' wara, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' hamest elef mitejn u erba' ewro u sebgha u hamsin centezmu (€5204.57) (ekwivalenti ghal Lm2234.32) ghad-dannu ta' Citadel Insurance plc;

- sirt recediv a terminu tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Novembru 2004;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li tixli l-imputat b'reat li inghad li sar fis-sena 1996. Ir-reat hu ta'frodi , b'ghemil qarrieqi, maghrufa bhal truffa, ai termini tal-Artikolu 308 tal Kap 9.

Mill-atti, fuq sitt snin li giet intavolata l-kawza, li jirrizulta hija riferta posittiva li l-prosekuzzjoni esebit mal-ewwel  dehra fil-15 ta' Mejju 2009.

Fuq l-iskorta ta'din ir-riferta unika d-difiza eccepiet il-preskrizzjoni.

Din tal-preskrizzjoni hija materja li l-Qorti hija wkoll obbligata tissolleva "ex officio".

Fil-kaz "deo quo" hu bil-wisq car li l-preskrizzjoni treggi.

Qeghda ghalhekk il-Qorti tiddikjara procediment estint stante preskrizzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------